# IL-FENEK TAL-MILIED

Wara tlett xhur vakanzi jgawdu l-bahar u jixxahxhu fil-ghazz, il-bibien ta' l-iskola nfethu biex mill-gdid jilqghu lit-tfal.

Mrs. Amy Camilleri gabret lit-tfal taghha u dahhlithom fil-klassi b'mod ordnat. It-tfal hadu posthom kif iddettat l-ghalliema.

Fost l-istudenti zghar ta' l-ewwel klassi kien hemm tewmin jisimhom Marija u Guzeppi. Ommhom Katarina kienet twissihom biex jiehdu hsieb xulxin. Marija kienet tiehu hsieb Guzeppi aktar milli Guzeppi kien jiehu hsieb taghha, billi Guzeppi kellu difett f'sieq































u ried min jghinu fil-mixi.

Ghalkemm l-ghalliema kienet wahda dixxiplinata, kienet thobb hafna lit-tfal. Meta kulhadd sab postu, Mrs. Amy qalet lit-tfal b'ton ta' hlewwa, billi kellha esperjenza qawwija li bil-hlewwa tiehu li trid mit-tfal u tghagen il-karattru taghhom kif mehtieg: " Gheziez studenti, jiena jisimni Mrs Amy Camilleri. Fil-klassi tieghi rrid li toqghodu attenti ghax dak li titghallmu jservikom ghal quddiem. Ghollu idejkom meta ma tifhmux xi haga milli

nkun qed nispjega. U mportanti li meta nigu biex nohorgu mill-klassi fi tmiem il-gurnata jew biex imorru fil-ground ghall-break, nohorgu kif nurikom jiena, biex hekk hadd ma jwegga'. Issa nixtieq li qabel nibdew l-ewwel lezzjoni taghna, intom tintroducu lilkom



infuskom."

U ghallmithom kif jaghmlu dan.   Meta waslu t-tewmin Marija qamet bilwieqfa u qalet quddiem il-klassi kollha: " Jiena jisimni Marija u tewmija ma' hija Guzeppi. Ommi

jisimha Katarina. Hija tiehu hsiebna u ma thallinix nigru barra. Ahna dejjem gewwa nilghabu flimkien. Jiena nhobb naqra hafna u naghmel in-knitting."

L-ghalliema nnutat li la Guzeppi u anqas Marija ma semmew lil missierhom. Fasslet f'mohha li fil-break titkellem maghhom. L-ewwel haga li nnutat kienet li t-tfal fethu borza bajda tal-karti u minnha hargu kisra hobz b'xejn. "Ma thobbux tieklu xi bicca laham mal-hobz jew tiekluh biz-zejt?"

"Ghandna xorti nieklu din il-kisra hobz tghidilna ommi," wiegbet Marija. Mrs Amy inhasdet ghal dan il-kliem. Kif jista' qatt zewgt itfal zghar bhal dawn jghaddu b'kisra hobz b'xejn?

"Il-papa taghkom haj?"

"Ma nafux. Ommi qatt ma issemmi xejn. Nassumu li huwa mejjet," wiegbet it-tifla.

Imbaghad daret lejn Guzeppi u staqsietu: " Guzeppi, ghaliex ma tilghabx mat-tfal l-ohra?"

U Guzeppi wegibha: " Ghaliex ma nistax nimxi billi twelidt b'difett fil-pala ta' saqajja."

U biex taqleb id-diskors ghax hassitha li qed tiftah feriti f'qalb it-tfal innocenti, qalet lit-tewmin: " Imma allura kif tghaddu l-gurnata flimkien meta tispiccaw l-istudju taghkom?"

Hawn kien Guzeppi li qabez u qal: " Jiena u ohti Marija, niehdu hsieb fenek, intuh jiekol, inaddfulhu u naraw li ma jonqsu xejn. U kemm jiehu gost jilghab maghna, Miss! "

Il-hoss ta' qampiena gab fi tmiemu l-break u kulhadd sab ruhu mill-gdid fil-klassi.  U bil-mod ordnat li hargu, daqshekk iehor dahlu lura.

Wara li daqqet il-qampiena u t-tfal marru lura f'darhom, Mrs Amy Camilleri resqet lejn il-headmistress u staqsietha: " Nixtieq inkellmek fuq zewgt itfal tewmin li ghandi fil-klassi. Xi tghidli fuqhom? Nixtieq inkun naf aktar fuqhom."

"Ehe, fuq Marija u Guzeppi Zahra qed nitkellmu hux hekk? Iva. Tewmin bravi u edukati ghalkemm gejjin minn familja ta' ftit mezzi. Ommhom tmur issib xi bicctejn  xoghol fid-djar tan-nies biex ikollha xi haga biex tghix hi u uliedha. Mhux dejjem jirnexxilha.

Missier it-tewmin hallieha b' zewgt itfal biex trabbihom wahedha u harab lejn l-Awstralja biex

jghix ma' ohra." "Grazzi hafna Mrs. Sciberras."

"U ghala staqsejtni?"

"Biex inkun naf kif immur maghhom. Anqas x'jieklu sura ta' nies ma kellhom."

U kuljum kienet iggibilhom zewg hobziet imhawra biz-zejt u minghajr ma thalli t-tfal l-ohra jindunaw kienet ittiehomlhom biex jiekluhom waqt il-break. It-tfal qatt ma kienu kielu hobz daqshekk tajjeb.

Riedet issa tghaddi ghat-tieni pjan. Mis-salarju taghha hija kienet twarrab xi haga zghira fix-xahar u tibghatha lill-familja ta' Marija u Guzeppi mal-kappillan bil-patt u l-kundizzjoni li d-donatrici ma tkunx maghrufa.

Jum wara l-iehor u l-ewwel term kien ghoddu wasal biex jintemm. Qabel ma t-tfal hallew l-iskola biex igawdu l-vaganzi tal-Milied, kull tifel u tifla gabu xi rigali zghar lil ghalliema taghhom Mrs Camilleri. Omm it-tewmin hassitha tisthi li ma setghitx tibghatilha rigal mat-tfal. Lit-tfal taghha zgur li ma kienitx ser

taghtihom rigal ghax flus x'tahli ma kellhiex. Imma lil ghalliema.....

Il-problema malajr solviet ruhha wahedha. Guzeppi u Marija qalulha li t-tfal kienu qed jiehdu r-rigali lil ghalliema taghhom Mrs. Amy Camilleri. U pproponow lil ommhom li jaghtuha l-fenek li huma kienu jrabbu. Ghal l-ewwel ommhom tbissmitilhom u qaltilhom li dak mhux rigal. "Kif?" qalilha Guzeppi, " ser naghtuha dak li hu ghal qalbna. U rigal dejjem jinghata mill-qalb. Mhux hekk ma?"

Ommhom baqghet siekta u qablet maghhom. Ippreparatilhom kaxxa biex igorru l-fenek u hadu kollox l-iskola. Hargu t-tnejn mill-bank u quddiem shabhom ipprezentawlha l-kaxxa. Imma billi l-fenek kien tqil waqeghtilhom minn idejhom u l-fenek qabez tnejn u mar jistahba fir-rokna tal-klassi, L-ghalliema hadet qatgha , imma kkontrollat ruhha. Kien hemm min dahaq u kien hemm min baqa' sieket. Marija marret tigri fir-rokna, qabdet il-fenek, haddnitu maghha u qieghditu mill-gdid fil-kaxxa. Imbaghad qalet lil ghalliema: "Dan huwa r-rigal taghna ghalik tal-Milied. Tajnik qalbna mieghu ghax dan huwa l-unika haga li

kellna t-tnejn. Hu hsiebu u jaghtih gost li inti tikkurah bhalma kien jaghti lilna."

U waqt li kienet qed tghid dan il-kliem, hemda kbira waqghet fil-klassi ghaliex kulhadd kien kurjuz u anzjuz kif ser tispicca l-bicca. L-ghalliema ma kellhiex kliem xi tghid. Daret lejn il-blackboard biex tahbi wiccha u tixxotta bil-komma, demgha li gelbnet ma' haddejha. Imbaghad daret lejn it-tfal u rringrazzjathom filwaqt li l-fenek poggietu f'rokna biex tibda' il-lezzjoni. Meta wasal il-hin tal-break, it-tfal talbu lil ghalliema biex jibqghu fil-klassi halli jaraw mill-gdid il-fenek. U meta t-teacher wriethom il-fenek daru dawru mal- mejda u ma kienx hemm tifel u tifla li ma mellsux l-annimal docli.

Daqqet il-qampiena biex turi t-tmiem tal-jum u l-bidu tal-vaganzi. Hadet il-kaxxa bil-fenek id-dar u meta dahlet tablet lil zewgha Peter biex jaqlibilha l-ikel fi platt sakemm tmur tbiddel hwejjigha. “Kollox sew, imma ddumx ghaliex jiksah u ma tiehux pjacir tieklu, imbaghad.” Meta Peter ra l-kaxxa fuq il-mejda gietu kurzita’ jara x’fiha. Hall il-qafla tal-kaxxa u nehha l-ghatu u l-fenek x’hin ra id-dawl qabez barra ‘l baxxa. “Ma,” ghajjat Peter imbezza’.

It-twerzieqa tieghu hasdet lil martu u minn kamritha ghajtet, “ Xi gralek Peter?” .

Inhallikom tahsbu kemm dahqet martu Amy meta quddiem tara dik ix-xena. Peter bilqieghda fuq il-pultruna b’qatgha kbira fuqu u l-fenek imaxtar l-ikel fil-l-platt. Ma setghetx izzomm bid-dahq. “Qed tara min hu kurzjuz x’jigrilu?” U kompliet tidhaq.

“Stajt tghidli bil-kaxxa u x’kien fiha?” qalilha Peter.

“Kont ser nghidlek meta nkun qed niekol,” wegbitu Amy, “ u mhux biss, kont ser nirrakontalek dak li ghaddejt minnu jiena fil-klassi. Imma jiena fil-klassi ma werzaqtx ghalkemm inhsadt. Fil-klassi jiena kbejt,” kompliet wara li ghaddietilha l-attakk tad-dahq. Meta t-tnejn ikkalmaw, Peter qaghad jisma’ dak li kellha tghidlu Amy.

Zewgha baqa’ mistghageb bil-generozita’ tat-tfal u fl-istess hin tbissem bil-praspura fil-klassi. "Taf x'naghmlu Peter, nixtru zewg rigali, gewlaq kbir b'ikel ghall-Milied u mmoru nghatuhomlhom flimkien mal-fenek. "

Hekk ghamlu u bil-karrozza waslu sad-dar ta' Marija u Guzeppi. Habbtu u giet tiftah l-omm. "Ghaddu, ghaddu," stednithom ommhom, " meta gharrfet l-ghalliema.

"Guzeppi u Marija hawn qeghdin?"

"Le, id-duttrina, imma daqt jigu."

"Jimporta kieku nistennewhom hawn?"

"Anqas xejn. Hawn hudu siggu u oqghodu bil-qieghda."

"Ara, Katarina, gejna ngibu l-fenek lura, mhux ghax ma hadtx pjacir, ghaliex nghidlek il-verita' meta rcevejtu kelli ndawwar wicci lejn il-blackboard ghax bdejt nikbi, tant hassejtni kommoventi bl-ghotja mill-qalb tat-tfal. Rajt kemm kienu generuzi. Tawni dak li kien ghal qalbhom. Ma nistghax nohodulhom u huma jibqghu b'xejn."

"Qabel jigu hawn gibnilek dan il-gewlaq ikel biex ticcelebra kif jixraq il-Milied u ghandek bizzejjed biex tkompli sa l-ewwel tas-sena."

Dak il-hin dahlu Marija u Guzeppi u skantaw kif l-ghalliema ghamlitilhom zjara. Haga bhal din qatt ma stennewha.   Amy radditilhom lura l-fenek filwaqt li qaltilhom: "Jiena apprezzjat ferm il-gest taghhom. Meta tajtuni l-fenek bhala rigal intom tajtuni qalbkom. Maghkom jiehu aktar gost ghax tilghabu mieghu. Grazzi. Ma ninsih qatt dak il-gest gej mill-qalb taghkom. Ser ingorru mieghi hajti kollha."



U meta qaltilhom dan il-kliem l-ghalliema tat rigal lil Marija u Peter ta rigal lil Guzeppi.

Katarina xtaqet toffrilhom xi haga imma huma ma ridux billi kienu mghaggla ghax kellhom qadi iehor x'jaghmlu. Sellmulhom, tawhom il-festi t-tajba u hargu, imma mhux qabel ma' Peter qal lil Katarina:

" Lilna dejjem ser issibna fil-bzonnijiet li jinqalghu minn zmien ghal iehor. "

U hekk kien ghaliex kull xahar kien jittawlu u jarawli ma kien jonqoshom xejn.